6 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Domenico Spiteri *versus* Leading Cook Graham Spencer

## Ġurisdizzjoni — Obligazzjoni — Assikurazzjoni — Riskji tat-Terzi Persuni — Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Art. 743(g) tal-Proċedura Ċivili — Art. 10 tal-Kap. 165

*Kwalunkwe persuna, għar-rigward ta' obligazzjoni minnha kuntratta a favur ta' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, hija suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna, jekk is-sentenza li eventwalment tiġi ottenuta kontra dik il-persuna tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*Fil-kelma "obligazzjoni" adoperata mill-liġi jidħlu mhux biss l-obligazzjonijiet "ex contractu", imma kwalsijsi xorta ta' obligazzjonijiet, ċjoè anki dawk "ex lege", jew "ex delicto", jew "ex quasi delicto".*

*Billi l-assikuratur ta' vettura tal-mutur huwa, skond il-liġi, obligat jeżegwixxi favur it-"third party" li tkun ġiet korruta s-sentenza li tkun ingħatat kontra l-persuna assikurata, purkè tkun saritilha notifika b'att ġudizzjarju, jew qabel il-proċediment ġudizzjarju, jew fi żmien sebgħa tijiem wara li jibda dak il-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, u purkè ukoll ma tkunx ġiet kanċellata l-polizza skond l-istess liġi, minn dan jiġi illi, jekk terza persuna tiġi korruta minn*

*persuna permezz ta' karrozza debitament assikurata, dik il-persuna hija suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna, għax is-sentenza li tottjeni l-persuna korruta tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fit-2 ta' Jannar 1955 il-konvenut, waqt li kien qiegħed isuq karrozza Morris Oxford numru 15234 fit-Trieq tal-Mall, Furjana, dar fuq l-attur, li kien fuq il-bankina, u kkaġunalu ksur f'riġlejh u nġurji oħra ta' natura gravi, u danni li jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, talab li l-konvenut minn din il-Qorti (1) jiġi dikjarat responsabbli għad-danni kollha li sofra l-attur fl-okkażjoni fuq indikata, u dan minħabba n-negliġenza fis-sewqan tal-konvenut, (2) u dawn id-danni jiġu likwidati minn din il-Qorti, anki per mezz ta' periti nominandi, (3) u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attur is-somma hekk likwidata. Bl-interessi u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti trid qabel xejn taqta' u tiddeċidi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti nomine, jekk din l-istess Qorti għandhiex jew le ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna;

Illi huwa tajjeb li jiġu premessi l-fattijiet segwenti. Fit-2 ta' Jannar 1955 il-konvenut Spencer kera minn għand ċertu Stivala bħala "self-drive" il-karrozza tan-nar Morris Oxford nru. 15234, li kienet assikurata mal-British Traders Insurance Company, skond il-Kap. 165 tal-LL. ta' Malta, Edizzjoni Riveduta; u waqt li kien bl-istess karrozza fi Trieq il-Mall, il-Furjana, korra lill-attur. Meta fl-10 ta' Ottubru 1955 ħarġet, wara l-proċeduri kriminali li ġew definiti fit-13 ta' Awissu 1955, ċitazzjoni kontra l-istess Spencer, instab li dan l-aħħar kien jinsab imsiefer; u fl-istess jum

tal-10 ta' Ottubru 1955 (ara dokument fol. 33), l-Assikurazzjoni ġiet debitament infurmata għall-finijiet tal-art. 10(2)(a) tal-Kap. 165. Mhemmx kwistjoni li Spiteri huwa suddītu ngliż. In vista tal-assenza ta' Spencer minn dawn il-Gżejjer, saru l-proċeduri tal-bandi, u l-lum l-istess Spencer jinsab rappreżentat mill-Avukat Dr. Joseph Max Ganado;

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 743 (g) tal-Kap. 15, "any person, in regard to any obligation contracted in favour of one of Her Majesty's subjects, if the judgment can be enforced in these Islands", jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Ma hemmx kwistjoni li fil-kelma "obligation", skond il-liġi, sostnuta mill-ġurisprudenza lokali, jidħlu mhux biss l-obligazzjonijiet "ex contractu", imma kwalsijasi xorta ta' obligazzjonijiet, ċjoè anki dawk "ex lege", jew "ex delicto", jew "ex quasi delicto" ("torts") — ara Art. 1000 Kodiċi Ċivili; Prim'Awla Ċivili "Annati vs. Dr. Sammut", maqtugħa fil-25 ta' Novembru 1884; u Prim'Awla Ċivili "Darmanin vs. Dr. Despott", maqtugħa fil-31 ta' Mejju 1901;

Illi kwindi l-azzjoni ntentata tikkonċerni waħda missorġenti tal-obligazzjonijiet kuntratta minn persuna, li inċidentalment taħbat ukoll ta' nazzjonalità ingliża, versu suddītu tal-Maestà Tagħha r-Reġina. Jibqa' għal din il-Qorti tara, sabiex tirradika l-ġurisdizzjoni, jekk is-sentenza tistax tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer.

Illi, skond l-art. 10 tal-Kap. 165 tal-LL. ta' Malta, Edizzjoni Riveduta, l-assikuratur ta' vettura tal-mutur (fis-sens tal-art. 2 ta' dik il-liġi) huwa obligat jeżegwizzi favur it-"third party" li tkun ġiet korruta s-sentenza li tkun ingħatat favur tagħha kontra l-persuna assikurata, purkè tkun saritilha notifika b'att ġudizzjarju, jew qabel il-proċediment ġudizzjarju, jew fi żmien sebgħa tijiem wara li jibda dak il-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, u purkè

ukoll ma tkunx ġiet kanċellata l-istess polizza kif kontemplat fl-ipotesijiet imsemmija f'dak l-istess artikolu;

Illi fil-każ in diżamina jirriżulta li kien hemm assikurazzjoni veljanti, u lill-assikuratur awtorizzat saritlu l-ittra uffiċjali meħtieġa fl-10 ta' Ottubru 1955, data meta ġiet introdotta ċ-ċitazzjoni odjerna;

Illi kwindi hemm proprjetà li fuqha tista' tiġi eżegwita l-eventwali sentenza kontra l-konvenut Spencer, li kera b'self drive il-karrozza in kwistjoni minn għand Francis Stivala tal-Mix Garage, Oratory Street, Gżira, li kien assikura l-karrozza in kwistjoni;

Illi, kwindi, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti mhijiex legalment fondata;

Għalhekk;

Tiċħadha; bl-ispejjeż għall-konvenuti nomine.